MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 119/2013

GO **p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Oudi Faical (K.I. 308498M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija tmienja u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€678.59) in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40144440), u li jinkludi telefown 21225515; servizz ta’ televizjoni 1425098029 u 1425098054, u servizz ta’ internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 28 ta’ Jannar 2010; illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali 1215/12 ossija l-31 ta’ Mejju 2012 u bl-ispejjez, inkluz tal-imsemmija ittra ufficjali 1215/12.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 12 ta’ Frar, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ s-somma ta’ sitt mija tmienja u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€678.59) u dan bl-ispejjez, inkluz tal-imsemmija ittra ufficjali 1215/12, u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali 1215/12 ossija l-31 ta’ Mejju 2012 u sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------